MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Numru 357/1998

**Artikolu 15(1)(b), 18 tal-Kap 165,**
**l-artikolu 45, 50, u 189 tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**
**u l-artikolu 17, 31 u 91 tal-Avviz Legali 128/94**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**v**

**BARTOLOMEO sive ROBERT GAUCI**

**Seduta ta' llum 11 ta' Novembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **BARTOLOMEO sive ROBERT GAUCI** ta' tlieta w tletin sena, bin Antonio u Carmela nee Bonnici, imwieled Pieta nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju,

1965 u joqghod 'Suffolk House', Triq Arthur Freeman, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 370765M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Haz Zebbug, Malta jew fi bnadi ohra, fit-tletin ta' Settembru, 1997 u fiz-zminjiet ta' qabel;

a. Ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument/i iehor falsifikati billi hassar u biddel x-*chassis number* tal-vettura tal-ghamla Suzuki Jeep bumru ta' registrazzjoni KGL 333 u minflok wahhal x-*chassis number* ta' vettura ohra tal-ghamla Suzuiki Jeep.

b. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza sett ta' *number plates* foloz KGL 333 fuq vettura ohra tal-ghamla Suzuiki Jeep;

c. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija ghamel, ordna, jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil tar-registrazzjoni KGL 333; u

d. Talli jinsab recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi bid-dati disgha w ghoxrin ta' Lulju, 1986 Awla C u erbgha ta' Gunju, 1987 Awla G.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri f'dak iz-zmien u b'dak l-ammont bhal ma jkun stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta' Lulju, 1998 esibit f'dawn l-atti a fol 47 w immarkat bhala dokument DS sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kellu vettura tal-ghamla Suzuiki Jeep bin-numru ta' registrazzjoni KGL 333 fil-pussess tieghu li ma kienetx regolari fis-sens li kellha mwahhla fuqha numru ta' registrazzjoni u numru tax-*chassis* u magna ta' vettura ohra.

Illi l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghi esibixxa, kif jirrizulta a fol 30 tal-atti, d-dokument DS 3 li hu dokument li jindika l-*inspection* li saret fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija nhar t-tletin ta' Settembru, 1997 fuq il-vettura tal-ghamla Suzuiki bin-numru ta' registrazzjoni KGL 333. Minn ezami ta' dan d-dokument ffirmat minn PC 832 E. Falzon w kkonfermat minnu stess fis-seduta tat-tmienja ta' Ottubru, 1998 quddiem l-imputat, jirrizulta li kien hemm *grinding* u li fil-fehma tieghu, kien hemm tbaghbis fis-sens li n-numru li kien hemm fuq il-magna, ma kienx dak mahrug mill-kumpanija.

**PS 726 Hugh Greengrass xehed nhar t-tletin ta' Lulju, 1998** fejn ikkonferma wkoll li fil-fehma tieghu x-chassis number miktub fuq il-magna kien *grinded off* u xi hadd ippancja numru differenti minn dak mahrug mill-fabbrika, li x-*chassis number* tant ma kienx dak tal-manifattura li min ghamlu m'ghamilx l-*model number* ta' SJ 40, imma beda direttament bin-numru.

Illi fuq din l-investigazzjoni saret inkjesta mill-Magistrat Inkwerenti u fost x-xhieda li gew nnominati kien hemm PC 4 John Ellul, (illum Spettur fid-Dipartiment tal-Laboratorju Forensiku) u l-espert tekniku Joseph Zammit.

Illi **l-Ispettur John Ellul xehed f'dawn l-atti nhar t-tletin ta' Lulju, 1998** u esibixxa r-relazzjoni tieghu li hija mmarkata bhala dokument JSC kif jirrizulta a fol 57 tal-atti. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li kien hemm *grinding* fuq in-numru tac-*chassis* tal-vettura Jeep bin-numru ta'registrazzjoni KGL 333. Fil-fehma esperta tieghu il-*grinding* hassar in-numru originali tas-serie tal-vettura in kwistjoni pero dak li gie ppancjat sussegwentement huwa vizibbli u car.

**Joseph Zammit xehed nhar l-erbatax ta' Gunju, 1999** u esibixxa r-relazzjoni tieghu li tinsab immarkata bhala dokument JZ a fol 126 tal-atti odjerni. Jirrizulta minn ezami ta' din r-relazzjoni li meta mar sabiex jezamina l-vettura sab li l-Jeep is-sewda bin-numru ta' registrazzjoni KGL 333 kienet f'kundizzjoni originali b'magna mibdula u wahda fuqha ta' Izuzu Gemini diesel.

Illi fuq il-Jeep kien hemm imwahhlin il-pjanci tan-numri ta' registrazzjoni ufficjali li jaqraw KGL 333. Kien hemm wkoll identifikati *label* taht l-*cowl panel* li kien imwahhal bil-kolla u fuqu kien hemm *chassis number* SJ40 - 191360 u *engine number* 810862.

Illi kien hemm tbaghbis b'mod li thassar l-*engine number* originali u b'numru akbar minn dawk normali gie ttimbrat in-numru 902038. Fil-post fejn ikun ittimbrat x-*chassis number* fuq il-Jeep instab *grinding* fil-fond tant li ma kienx baqa jidher ebda *digit* minnhom.

**L-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe fit-tletin ta' Settembru 1997 kien irrilaxxja stqarrija** li tinsab immarkata bhala dokument DS 1 u esibita fl-atti odjerni a fol 26. Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta l-ammissjoni tal-imputat li kien jaf li n-numru tax-*chassis* li kien hemm fuq il-Jeep KGL 333 ma kienx l-originali tal-fabbrika izda kien ippuncja l-istess *chassis number* li kien hemm fuq il-Jeep mahbut. Mistoqsi x'hinu xogholu, l-imputat wiegeb li huwa *sprayer* u *panel beater* fil-Kingston Garage pero dan nonostante jghid li ma kienx jaf li dan l-ghemil tieghu imur kontra l-ligi. Qal wkoll li n-*number plates* KGL 333 kienu ta' Jeep iehor abjad u mhux dak l-iswed li fuqu nstabu. **Waqt ix-xhieda li ta viva voce l-Qorti nhar s-sbatax ta' Settembru, 1999, kif jirrizulta a fol 149 et seq tal-atti odjerni,** l-imputat imur oltre ghaliex filwaqt li jikkonferma li s-sengha tieghu hija dik ta' tellar, jikkonferma li meta xtara x-*chassis* minghand certu Tonna minn Ghawdex, ix-*chassis* ma kellux numru u fil-fatt xtrah ghal prezz ta' hames mitt lira maltin meta jista jiswa sa elf lira maltin.

Ammetta wkoll li l-magna li kellha l-Jeep, KGL 333 kienet gdida u kien xtara din il-vettura *second hand* minghand certu Pawlu Pullicino li ma xehdtx f'dawn il-proceduri.

Qal li hallas *insurance* fuq il-Jeep bajda meta kien skrappjha bl-intenzjoni li tkopri l-Jeep s-sewda KGL 333 li kien remgha.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet ppresentata mill-imputat nhar l-hamsa ta' Lulju, 2001 huwa sostna li *chassis number* ma jikkostitwix dokument ai fini tal-artikolu 189 tal-Kap 9 u dan ghaliex la hi manifestazzjoni jew dikjarazzjoni ta' volunta jew verita imma hija biss numru ta' referenza moghti mill-kumpanija manufattrici, u l-awtur taghha bl-ebda mod ma jista jigi identifikat peress li dan in-numru jigi ttimbrat mekkanikament f'process awtomatiku fil-linja tal-produzzjoni. Illi f'din n-nota l-imputat ma jichadtx l-fatt per se li ghamel l-*grinding* relattiv.

Il-Qorti hawnhekk thoss li ghandha taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appelli Kriminali nhar s-sbatax ta' Ottubru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Galea** fejn giet iccarata l-posizzjoni dwar jekk *chassis number* jikkostitwix dokument. Dik il-Qorti irrilevat li:

*"Ghal finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita, ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' talba jew dikjarazzjoni ta' volunta. S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss s-sinjali alfabetici izda tinkludi dawk numerici, stenografati u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies.*

*Il-kitba f'dan s-sens tista ssir kemm bil-id, kif wkoll b'mezzi mekkanici, b'mezzi indellibbli jew li jista jithassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, import temporanjament il-messagg - karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastic etc…"*

Fil-fehma ta' dik il-Qorti il-pjanca fejn ikun hemm mnizzel in-numru tax-*chassis* hu dokument, ghalkemm dokument privat. In fatt, permezz ta' dak in-numru jew kodici iehor li jkun hemm fuqu, l-kumpanija li tkun immanufatturat ix-*chassis*, tkun qed tiggarantixxi mhux biss dak l-oggett fih nnifsu u l-kwalita tieghu, izda wkoll li tforni informazzjoni dwar data, post u dettalji ohra ta' process ta' manufattura. Huwa ben saput li ghal inqas f'Malta hu ferm difficili jekk mhux addirittura impossibbli, li vettura tigi debitament registrata mal-Pulizija jekk ma jkolliex fost ohrajn ix-*chassis number* (ara r-regolament 17(1)(a) tar-Regolament tal-1994 dwar Vetturi bil-Mutur) b'mod ghalhekk li l-falsifikazzjoni ta' dak in-numru (fil-kaz odjern billi jitnizzel numru falz) tammonta ghal falsifikazzjoni "*li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utili*" [artikolu 187(1) tal-Kap 9] u ghalhekk tammonta ghal falsifikazzjoni ta' dokument fis-sens tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali.

Din **il-Qorti** kif preseduta taqbel perfettament mar-ragjonament tal-Qrati Superjuri u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 15(1)(b) u 18, tal-Kap 165 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 45, 50, 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 31, 91 tal-Avviz Legali numru 128 tal-1994, **tiddikjara li qed issib lil imputat BARTOLOMEO sive ROBERT GAUCI hati tal-akkuzi kollha salv dik ta' recidiva.**

**Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-istess imputat li hija wahda reflettarja b'sitt *convictions* registrati fuqha fosthom akkuzi ta' serq, ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u ricettazzjoni.**

**Rat li l-imputat odjern diga nghata probation u gie kkundannat jhallas diversi amendi.**

**Il-Qorti ma thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija minhabba l-problemi familjari li ghaddejja minnhom il-familja tieghu u ghaldaqstant tiddecidi li tikkundanna lil imputat BARTOLOMEO sive ROBERT GAUCI ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt lira maltin.**

**Dwar l-akkuza ta' recidiva il-Qorti rat s-sentenza esibta mill-Ispettur David Saliba nhar t-tmienja ta' Ottubru, 1998 a fol 87 et seq tal-atti markata bhala dokument JSC 1, fejn a fol 104 fis-seduta tal-hamsa ta' Marzu, 1999 l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu ezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil Ex Supretendent Anthony Caruana sabiex jikkonferma l-identita tieghu u minn esami ta' din l-istess sentenza jirrizulta li l-imputat kien inghata unconditional discharge ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati tal-akkuza ta' recidiva ai termini tal-artikolu 49 u 50 u ghalhekk minn din l-akkuza l-Qorti qed tilliberah.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ezaminat l-atti u nnotat li tul il-kumpilazzjoni ma gie nominat ebda espert u l-esperti li xehdu f'din il-kawza kollha gew nominati fl-istadju tal-inkjesta u ghalhekk l-ispejjes tal-tali hatra ma jistghux jigu addebitati lil imputat u konsegwentement qed tichad tali talba.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**